MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1203/2001/1

**Josianne Tanti**

**vs**

**Malcolm Falzon**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fl-4 t'Ottubru 1997, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A'.

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' guduzzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewwga;

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-artikolu **19 (1)(g)** u/jew **(d)** u/jew **(f) tal-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett fil-Ligi.

L-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tal-10 ta' April 2002;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.15 tal-process fejn eccepixxa :-

1. Illi l-eccipjent jaqbel illi z-zwieg tieghu ma' l-attrici huwa null imma mhux ghar-raguni migjuba minnha izda minhabba ragunijiet ohra imputabbli lilha stess.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess a fol.15 *et seq.* tal-process;

Rat l-affidavit ta' Malcolm Falzon;

Rat in-nota ta' Josianne Tanti li permezz taghha esebiet l-affidavits ta' Josianne Tanti, Joseph Tanti, Josephine Tanti u Charmaine Zahra;

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Gunju 2002 fejn Dr Joseph Sammut ghall-konvenut irrimetta ruhu ghall-provi u li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Novembru 2002;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fl-4 ta’ Ottubru 1997 jigi dikjarat null u bla effett *stante* li hija qed tallega li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, li l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi l-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu jaqbel illi z-zwieg tieghu ma’ l-attrici huwa null imma mhux ghar-raguni migjuba minnha izda minhabba ragunijiet imputabbli lilha stess.

### B. PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit taghha **Josianne Tanti** xehdet li hi tlett (3) snin akbar mill-konvenut. Huma zzewgu wara erba’ (4) snin li kienu ilhom johorgu flimkien. Mill-bidu tal-gherusija huwa beda jiffrekwenta d-dar tal-genituri taghha b’mod li kienet qisu qed trabbieh ommha. Kien jiekol ghandhom, jinhasel, ommha tahsillu l-hwejjeg u sahansitra kienu tlestielu l-*lunch* ghax-xoghol.

Illi meta kienu gharajjes huma kienu johorgu wahedhom. Huma kibru flimkien u draw lil xulxin b’mod li kienu maqtughin kompletament ghalihom. Kienu saru dipendenti fuq xulxin. Il-familja tieghu ma tawhx attenzjoni fit-trobbija ghax kienu familja kbira. Kienu hi u l-familja taghha li ghallmuh kif ghandu jgemma’ l-flus. Wara ftit li bdew johorgu flimkien il-konvenut issugerixxa li jizzewgu u fi zmien sena mill-gherusija xtraw il-post u bdew jahdmu

ghall-post u d-diskussjonijiet taghhom kienu kkoncentrati fuq id-dar.

Illi wara xi sentejn miz-zwieg hi xtaqet li jkollhom l-ewwel tarbija. Malcolm qatt ma qalilha iva izda li imbaghad jaraw. Hu ma kienx tip li jzomm konversazzjoni fit-tul. Hu mhux biss ma kienx matur ghall-affarijiet li kienu jikkoncernaw il-hajja mizzewga, izda anke f'dak li jirrigwarda affarijiet ohra. Ghad-dar spiccat iddecidiet kollox wahedha u hallset il-maggorparti tal-ispejjez fid-dar. Hi ddecidiet anki d-data u l-forma tat-tieg u ma kien imeriha f'xejn. Wara li zzewgu hi kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet kollha fid-dar, inkluz l-ikel, il-hwejjeg u t-tindif. Skond hi kien qisu tifel qed jitrabba. Hu kien imaqdarha specjalment ghall-mod kif kienet tilbes ghax kien jippretendi li tilbes dbielet qosra u anki beda jghaddi kummenti fuq tfajliet ohra.

Illi meta zzewgu huwa qam fuq tieghu u l-ewwel inkwiet inqala' meta marret id-dar u sabet li Malcolm kien ghamel *tattoo.* Ftit wara Malcolm iddecieda li jixtri karozza anki jekk hi opponiet ghax kellhom biex jinqdew imma mbaghad cediet. Huwa ma baqax jaghti aktar kasha. L-akbar inkwiet beda` meta hi kienet tkun xoghol fil-*weekends* u hu kien johrog wahdu ma' hbieb tieghu. Hi kienet tirrabja imma hu kien jinjoraha. Fi zmien sena minn mindu zzewgu kienu qishom zewg barranin ighixu taht saqaf wiehed. Hu kien jirrifjuta li jqatta' hin maghha. B'hekk fi zmien sena u seba' xhur spiccaw isseparaw.

Illi **Joseph Tanti**, missier l-attrici, ikkonferma li l-konvenut ftit gimghat wara li beda johrog ma' bintu kien prattikament joqghod id-dar taghhom. Martu kienet tiehu hsieb il-bzonnijiet tieghu. Sahansitra l-konvenut kien jghaddi l-paga tieghu lil martu biex iggemmahielu hija. Fil-bidu huwa bilkemm kien jitkellem u dan anke meta ghadda z-zmien. Waqt l-gherusija il-konvenut kien ihalli kollox f'idejn bintu u lanqas biss kien jesprimi xi opinjoni. Kienu jmorru x-xhud, martu ma' l-attrici biex taghzel l-affarijiet tad-dar. Huma kienu opponew meta wara ftit xhur Josianne qaltilhom li Malcolm ried jizzewweg peress li huma kienu ghadhom zghar wisq biex jizzewgu u lanqas flus ma kellhom.

Ftit xhur wara li zzewgu x-xhud kien sejjer xahar l-Awstralja u staqsiehom riedux jitilghu mieghu. Malcolm qal li ma setax izda m'oggezzjonax li Josianne titla' mieghu. Imbaghad minhabba ragunijiet personali kellu jhassar din is-safra u meta l-attrici nfurmatu li s-safra kienet thassret r-reazzjoni ta' Malcolm kienet li fferocja. Darba minnhom martu rceviet telefonata li Malcolm kien qed ikun ma' klikka guvintur u tfajliet filwaqt li bintu ma tkunx mieghu. Missier il-konvenut stess ammetta li ibnu zzewweg lil bint ix-xhud biex jitlaq mid-dar u jkollu l-liberta' kollha. Wara ftit isseparaw.

Illi **Josephine Tanti**, omm l-attrici, kkorroborat u kkonfermat dak li qal zewgha fl-affidavit tieghu. Ikkonfermat li kellu genn biex jizzewweg. Hi qalet li ndunat li Malcolm ma kienx qed jittratta lil bintha sew meta darba ddahlet l-isptar fejn kien wera insensittivita'. Hu ma tax kasha u lanqas staqsiha kif inhi. Hi rceviet telefonata minghand tfajla minhabba li staqsietha jekk Josianne kenitx ghadha tohrog mal-konvenut ghax hu kien qed ikun il-Bamboo mat-tfajliet u l-guvintur jixrob. Meta qalet lil bintha hi qaltilha li l-konvenut kien qed johrog wahdu u ghalkemm hi kienet ghamlet minn kollox biex tara x'kienet il-problema hu kien jinjoraha kompletament.

Illi **Charmaine Zahra** xehdet li bdiet tohrog Paceville ma' klikka hbieb fl-1998 u kienu ta' spiss ikunu l-Bamboo Bar. Darba minnhom iltaqghu ma' Malcolm u kellmitu u dan ghal diversi drabi. Wara ftit okkazjonijiet li ltaqghu beda` jiftah qalbu dwar il-problemi li kellu. Shabha qalulha li kien mizzewweg ghalkemm hi qatt ma hadet impressjoni li hu kien ragel mizzewweg u kienet tisthajlu guvni. Imbaghad hu qalilha li kellu problemi mal-mara pero' ma dahalx fid-dettal. Hu ma tantx kien jitkellem u sempliciment kien jghid frazi dwar dak li qed ihoss u jieqaf hemm. Hi saret taf li martu bdiet tissuspetta hazin fiha, u b'hekk ma baqghatx la tiffrekwenta u lanqas tkellmu biex tevita l-inkwiet.

## C. Ligi Applikabbli ghall-Kaz *De Quo*

Illi l-attrici qed tibbaza t-talbiet taghha a bazi tal-**artiklu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta**. Illi dawn l-artikoli jinqraw hekk kif gej:-

"**Artikolu 19(1)** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null :-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn it-tlett sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht l-**artikolu 19(1)(d) tal-Kap.255**.

Illi ghar-rigward ta' l-**artikolu 19(1)(d)** mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti, specjalment il-konvenut, qabel ma zzewgu ma kkunsidrawx bis-serjeta' l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Inghad illi l-kuncett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

Illi kwindi hi necessarja l-maturita' li tippermetti persuna li tevalwa d-drittijiet u obbligi li ggib maghha l-hajja mizzewga.

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-partijiet taw zewg verzjonijiet kompletament opposti. Illi pero' l-verzjoni tal-attrici hija aktar verosimili anki ghaliex hija korroborata minn xhieda ohra. Illli rrizulta li l-konvenut kien ghadu zghir meta ltaqa' mal-attrici u fi ftit gimghat li beda johrog maghha dahal ghand il-genituri taghha u sab fihom familja

ghax kienu jiehdu hsieb il-bzonnijiet tieghu. Illi anki wara z-zwieg kienet hi li tiehu hsieb kollox u hu kien sar kapriccuz. *Inoltre'* meta hi kienet tkun xoghol fil-*weekends* hu kien johrog ma' klikka hbieb tfajliet u guvintur.

Illi bla ebda dubju ghalhekk il-komportament tal-konvenut juri ammont kbir ta' immaturita' u li effettivament ma kellux idea ta' x'kienet tikkomporta l-hajja mizzewga. Illi b'hekk issir referenza ghas-sentenza ta' din l-istess Qorti fl-ismijiet
**"Anthony Gallo vs Dr.Anthony Cutajar et"** (P.A. (RCP) 1962/99/RCP – 28 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati u tasal ghall-konkluzjoni li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat *ai termini* ta' l-**artikolu 19(1)(d**).

Illi rigward l-**artikolu 19(1)(f)** dan jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*"colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-'*finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att posittiv*

*tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et"** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912) :-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi 'nfatti meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.

Illi *'noltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Av.Christopher Cilia et noe"** (P.A. (NA) 3130/96/NA – 10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi mill-provi rrizulta li l-konvenut ghalkemm esternament iddikjara li ried jizzewweg huwa fil-fatt kien qed jara z-zwieg bhala mezz biex jakkwista l-liberta' tieghu. Huwa jidher li ma kellux hafna attenzjoni minn tad-dar tieghu, kien sab familja fil-familjari tal-attrici u b'hekk ried jizzewweg. Mill-komportament tieghu wara z-zwieg jidher li hu ma kellux intenzjoni li jifforma komunjoni ta' hajja ma' martu.

Illi konsegwentement irrizulta illi fil-mument taz-zwieg il-kunsens li ta l-konvenut kien wiehed invalidu abbazi tas-**sub-artikoli (d) u (f)**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-4 ta' Ottubru 1997 huwa null u bla effett minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat *ai termini* tal-**Artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------